**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Mejju, 2019

Rikors Guramentat : 172/15 AL

**A B**
**Vs**

**i. C D**

**ii. Direttur Tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2018 gew kjamati fil-kawza E FKI 353175M, G B KI 364280M u H B KI 372482M**

**SENTENZA PRELIMINARI**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-esponenti twieldet go l-Isptar San Luqa l-Pieta' fit-2 ta' Gunju 1996 minn J K B nee' L li kienet mizzewga lil I B u li kellhom tlett it-tfal - E, G u H sive H li dak iz-zmien kellhom 21,

16 u 14 il-sena rispettivament u dan skond ic-certifikati tat-twelied hawn annessi u mmarkati Dok MA1, Dok MA 2, u Dok MA3;

2. Illi fl-att tat-twelid tal-esponenti, anness u mmarkat Dok MA4, bin-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni elfejn, tlett mija, sebgha u sittin (2367) 1996 l-esponenti giet imnizzla bhala il-wild ta' J K B nee' L u I B;

3. Illi wara it-twelid l-esponenti ma ittehdietx tghix ma hutha imma giet mehuda ghand in- nanniet materni sabiex tigi mrobbija minnhom u fil-fatt baqghet tghix maghhom sakemm dawn mietu;

4. Illi meta l-esponenti kellha biss xaghrejn, fil-30 ta' Awissu 1996, l-omm J K B, instabet maqtula - dokument anness u mmarkat Dok MA 5;

5. Illi sussegwentement il-missier I B gie mibghut Mount Carmel Hospital fejn baqa' hemm rikoverat sakemm miet 14 il-sena wara fil-11 ta' Jannar 2010 - dokument anness u mmarkat Dok MA 7;

6. Illi meta l-esponenti kellha ghaxar (10) snin hutha, G li kellha hamsa u ghoxrin (25) sena u H li kellu tlieta u ghoxrin (23) sena gharfuha li hi kienet biss *half sister* taghhom peress li hi ma kienitx it-tifla naturali ta' missierhom imma kienet il-wild ta' certu C D, il-konvenut, li kien jiffrekwenta lil ommhom qabel ma din sfat maqtula;

7. Illi dan il-fatt, wara, gie konfermat mir-rizultat tad-DNA - (dok anness u mmarkat Dok MA 8) li jindika li tlieta huma ahwa, ulied I , imma ir-raba wild m'hijiex mill-istess missier I B;

8. Illi hut l-esponenti kienu irrakontawlha ukoll li wara l-mewt ta' l-omm, l-intimat kien jiffrekwenta id-dar fejn ingabru u cioe man-nanna materna, kien jehdilhom frott u haxix bi kwantita' kbira kull gimgha u kien ihobb jerfa lill-esponenti u kien waqaf immur, hesrem, meta in-nannu cempillu dwar id-dikjarazzjoni tal-paternita';

9. Illi peress li dak iz-zmien l-familjari irrifjutaw li jifthu proceduri l-Qorti sabiex jigi ddikjarat il-missier naturali tal-esponenti, din kellha tistenna sakemm issir majorenni sabiex tkun f'posizzjoni li tista' tintavola dawn il-proceduri;

10. Illi l-esponenti tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' taghha wkoll permezz ta' fatti bhal testijiet genetici u ghalhekk intavolat il-kawza odjerna.

Talbet li l-konvenuti jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i. Tistabilixxi u tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' esperti nomninati minn din l-Onorabbli Qorti, illi l-missier naturali tal-esponenti A B huwa l-intimat C D u mhux ir-ragel ta' ommha I B;

ii. Tawtorizza lil A B tadotta l-kunjom ta' l-intimat;

iii. Tordna lid-Direttur Tar-Registru Pubbliku jaghmel l-annotazzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid tal-esponenti A B , bin-numru progressiv ta' l- iskrizzjoni elfejn, tlett mija, sebgha u sittin (2367) 1996, sabiex l-intimat C D jigi indikat formalment f'dan id-dokument bhala l-missier naturali tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D, li permezz taghha eccepixxa : (fol 31)

1. Illi r-Rikors guramentat promotur huwa null u bla ebda effett stante illi r-rikorrenti bl-ikbar zlealta' lejn din il-Qorti u bil-qerq naqset milli tiddijara fatt ta' importanza vitali u fundamentali u cioe' li, bi qbil bejn il-partijiet u l-konsulenti legali tal-partijiet (dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet diversament patrocinata) kienu saru t-testijiet xjentifici illi qed titlob ir-rikorrenti f'din il-kawza u minn dawn it-testijiet diga rrizulta illi r-rispondent mhuwiex il-missier naturali

tar-rikorrenti. Ghaldaqstant ir-rikorrenti m'ghandha assolutament ebda dritt li titlob li jsiru mill-gdid testijiet xjentifici li effettivament diga saru u ghandha tigi obbligata li tipprezenta lil din il-Qorti r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici li diga saru li jippruvaw minghajr ebda dubju illi r-rispondent mhuwiex il-missier naturali tar-rikorrenti;

2. Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti;
3. Salv dawk l-eccezzjonijiet ulterjuri kollha talvolta jistghu jigu pprezentati skont il-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa : (fol 33)

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva illi fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti A B, b'mod speċifiku fit-tieni paragrafu u fit-tielet talba ta' l-istess rikors, in-numru ta' l-att tat-twelid tar-rikorrenti, hu erronjament imniżżel bħala elfejn, mija, erbgħa u sittin (2164) tas-sena elf, disa' mija, sitta u disgħin (1996). Mill-istess att tat-twelid tar-rikorrenti jirriżulta pero li n-numru progressiv korrett ta' l-att odjern hu elfejn, tlett mija, sebgħa u sittin (2367) tas-sena elf, disa' mija, sitta u disgħin (1996). Illi għaldaqstant l-esponenti tistieden lir-rikorrenti sabiex bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** titlob għal korrezzjoni debiti fir-rikors odjern kif interposta hawn fuq, speċifikament sabiex it-tielet talba tar-rikorrenti tkun tirrifletti in-numru ta' registrazzjoni progressiv korrett;

3. Illi in vena preliminari, u bla ħsara għall premess, l-esponenti teċċepixxi li huwa indispensabbli għall-benefiċċju ta' l-integrita tal-ġudizzju, illi għandhom jiġu msejħa kjamati fil-kawża għal kull interess li jista jkollhom ai termini tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** l-werrieta tal-omm defunta tar-rikorrenti, cioè l-werrieta ta' J K B, kif ukoll l-werrieta tad-defunt I B illi huwa imniżżel bħala missier ir-rikorrenti A B fuq l-Att tat-Twelid tagħha li jġib in-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tlett mija, sebgħa u sittin (2367) tas-sena elf, disa' mija, sitta u disgħin (1996);

4. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, għalkemm ir-rikorrenti A B ippreżentat r-rapport ta' testijiet ġenetiċi**,** dan ir-rapport ma jikkonfermax illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali tar-rikorrenti A B.  Dan l-imsemmi rapport jindika biss illi r-rikorrenti (referuta bħala 'Child 3' fl-istess rapport) jista jkun illi għandha missier differenti mil-ulied l-oħrajn.  Għaldaqstant ikun idoneju illi din l-Onorabbli Qorti joġobha tordna li jiġu mwettqa testijiet ġenetiċi fuq il-partijiet ikkonċernati *ai termini* tal**-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta,** sabiex tali testijiet ġenetiċi jeskludu lir-raġel ta' omm ir-rikorrenti, cioè I B, bħala l-missier naturali tar-rikorrenti u jikkonfermaw illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali tar-rikorrenti u b'hekk ma jkunx hemm ekwivoċi dwar il- paternità tal-imsemmija rikorrenti, liema rapporti għandhom jkunu ġuramentati mit-tekniku li jkun wettaq l-imsemmija testijiet;

5. Illi għal kull boun fini u bla ħsara għal fuq espost, l-esponenti tirrileva illi hemm żball fil-mod kif ġiet riferuta r-rikorrenti fis-sebgħa (7) paragrafu tar-rikors in risposta, bħala 'r-raba wild'.  Kif jidher mir-rapport ta' testijiet ġenetiċi li ġie anness mar-rikors promotur mir-rikorrenti stess, r-rikorrenti ġiet referuta f'dan ir-rapport bħala 'Child 3' cioè t-tielet wild u mhux ir-raba wild.  Għaldaqstant l-esponenti tistieden lir-rikorrenti sabiex bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** titlob għal korrezzjoni debiti fir-rikors odjern kif interposta hawn fuq;

6. Illi mingħajr ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tistieden lil konvenut C D sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldet ir-rikorrenti A B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija rikorrenti, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet ir-rikorrenti. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferita A B, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tlett mija, sebgħa u sittin (2367) tas-sena elf, disa' mija, sitta u disgħin (1996);

7. Illi bla preġudizzju għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti tirrileva illi r-rikorrenti A B għandha tiddeċiedi b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi a tenur tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

8. Illi subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem I B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn, tlett mija, sebgħa u sittin (2367) tas-sena elf, disa' mija, sitta u disgħin (1996);

**9.** Illi mingħajr ħsara għas-suespost għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponenti tistqarr illi naturalment mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni dwar il-paternita' tar-rikorrenti A B hija tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**10.** Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti u kwindi hija m'għandiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**11.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-konvenut C D a fol 65 illi permezz taghha, filwaqt li jiddikjara illli huwa gie notifikat bir-Rikors Guramentat kif korrett, jiddikjara illi huwa qieghed izomm ferm l-eccezzjonijiet diga minnu sollevati u jiddikjara in oltre illi, fl-iqsar zmien possibbli, jitressqu bhala xhieda s-serologista Robert Cardona u l-Avukat Dr Rachel Tua LL.D. in sostenn tal-eccezzjoni minnu sollevata illi t-test tad-DNA effettivament diga sar u kien fin-negattiv u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attriċi minnha ippreżentata fit-18 ta' Diċembru 2015 fejn l-attriċi opponiet it-teżi tal-konvenut D li hija m'għandhiex id-dritt li titlob li jsiru mill-ġdid it-testijiet xjentifiċi u dana stante li:

1. Hija qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha fuq l-Artikolu 70A(2) tal-Kodiċi Ċivili. Essenzjalment, dan l-artikolu jaċċenna b'mod l-iktar ċar l-importanza tad-dritt ta' persuna li tikkjarifika l-parentela naturali tant li f'każijiet fejn il-kunsens għat-teħid tal-kampjuni ma jingħatax, il-Qorti għandha tissostitwixxi dan il-kunsens u tordna li jittieħed il-kampjun;

2. Illi hija ċertament li ma kellha l-ebda intenzjoni ta' żlealta` jew qerq lejn il-Qorti. L-attriċi għaddiet biex spjegat il-kronoloġija ta' kif ġraw l-affarijiet;

3. Illi ma teżisti ebda dispożizzjoni fil-liġi li tipprovdi li ġjaladarba jkunu saru t-testijiet xjentifiċi dawna ma jistgħux jiġu ripetuti;

4. Irriferiet għall-kawża Kalacheva v. Russia deċiża mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem li kienet jitratta riċerka ta' paternita` fejn kien sar test tad-DNA iżda kien qiegħed jiġi kkontestat. Il-Qorti Ewropeja sabet illi n-nuqqas tal-Qorti Russa li terġa tordna li jsir it-test, kien vjolattiv tad-dritt sanċit mill-Artikolu 8 tal-konvenzjoni, billi hemm interess vitali li tiġi stabbilita pożizzjoni inekwikoka dwar il-paternita`, li tista' tiġi stabbilita biss permezz tat-test tad-DNA.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku minnu ippreżentata fit-2 ta' Frar 2016 illi permezz tagħha, fil-mertu, huwa rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti, iżda rrefera għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem illi trattaw il-kwistjoni tat-testijiet ġenetiċi fl-ambitu tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Rat illi l-Assistent Ġudizzjarju Dottor Abigail Critien ġabret il-provi relattivi għall-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut C D; Hija semgħet ix-xiehda viva voce tal-konvenut C D, ta' Dr. Rachel Tua u ta' Robert Cardona u rċeviet l-affidavit ta' Dottor Marisa Cassar li miegħu hemm anness ir-riżultati tat-testijiet ġenetiċi li saru minnha wara li ġiet mgħoddija l-kampjuni minn Robert Cardona. Skont l-istess riżultati, il-konvenut D m'huwiex il-missier naturali u bijoloġiku tal-attriċi A B.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat C D minnu ippreżentata fil-5 ta' Marzu 2019 fejn irrileva kif huwa ressaq diversi provi li juru li t-testijiet xjentifiċi tad-DNA li saru qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, saru bi qbil u l-kunsens tal-partijiet u għalhekk huwa ma jistax ma jkunx żbalordit dwar kif ir-rikorrenti qiegħda issa tippretendi li dan l-eżerċizzju jerġa' jsir mill-ġdid; Isostni li għalkemm ir-rikorrenti tgħid li hija kellha d-dubji dwar l-attendibilita` tat-testijiet li saru, hija naqset milli tagħti motivazzjoni wara dawn id-dubji u ma ressqet ebda evidenza sabiex tiżvela x'kienu r-raġunijiet li nisslu fiha dawn id-dubji. Fil-fehma tiegħu, it-teħid tal-kampjun bijoloġiku sabiex isiru t-

testijiet xjentifiċi b'mod sfurzat ossia b'ordni tal-Qorti, jista' jsir biss kemm-il darba t-testijiet ma jkunux diġa saru bil-kunsens tal-partijiet. B'hekk, l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 70A hija fis-sens li r-rikorrenti m'għandhiex il-jedd li titlob li jerġgħu isiru t-testijiet xjentifiċi de quo agitur kemm-il darba dawn diġa saru bil-kunsens ħieles tal-partijiet u kemm-il darba ma rriżulta bl-ebda mod li tali testijiet ma sarux skond ir-regolamenti viġenti kif tipprovdi l-liġi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-attriċi A B minnha ippreżentatata fit-3 ta' Mejju 2019;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza limitatament dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut D.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut C D rigwardanti n-nullita` tar-rikors ġuramentat promotur stante illi r-rikorrenti naqset illi tiddikjara lill-Qorti illi kienu diġa saru t-testijiet xjentifiċi li qed titlob ir-rikorrenti f'din il-kawża. Illi l-konvenut D jargumenta illi dan huwa qerq min-naħa tal-attriċi u żlealta` lejn il-Qorti u b'hekk ir-rikors ġuramentat promotur huwa null u bla ebda effett.

Il-Qorti tirrileva illi effettivament l-attriċi fl-affidavit tagħha żvelat il-fatt li t-testijiet tad-DNA kienu diġa saru bi qbil bejn il-partijiet. Hija żiedet illi "ċerti affarijiet li ġraw ġiegħluni niddubita ir-riżultat u għaldaqstant irrikorrejt il-Qorti sabiex nikklarifika l-affarijiet isiru sewwa taħt l-osservazzjoni tal-Qorti." Illi l-istess affidavit kien maħluf u ppreżentat fis-27 t'Awwissu 2015 u cioe qabel ma ġiet ippreżentata ir-risposta ġuramentat tal-konvenut u għalhekk jirriżulta illi l-attriċi kienet minn jeddha diġa żvelat li kienu saru t-testijiet tad-DNA preċedentement u m'għamlitx dan għax ġiet xprunata mir-risposta ġuramentata tal-konvenut.

Illi inoltre fuq tema ta' nullita` huwa ritenut u rassodat fil-ġurisprudenza tagħna illi n-nullita hija odjuża u in linea ta' massima illi t-teorija l-aktar aċċettabbli mill-Qrati, f'każijiet ta' nullita` ta' atti, hi dik li tiffavorixxi l-ammissibilita` u mhux in-nullita` tal-att. Diversi kawżi jiċċitaw l-insenjament tal-Laurent fejn fi Principii di Diritto Civile ifisser in-nullita` bħala "é un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessita`." Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern ma jeżistux l-estremi li jimmeritaw il-piena tan-nullita` tar-rikors promotur.

Inoltre` l-Qorti tilqa' l-insenjament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn ġie ikkonstatat illi li wieħed jistabilixxi pożizzjoni inekwivoka dwar il-paternita` tiegħu huwa dritt sanċit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Intqal illi

"52. [...] The Court reiterates, however, that Article 8, for its part, protects not only "family" but also "private" life.

53. Private life, in the Court's view, include a person's physical and psychological integrity and can sometimes embrace aspects of an individual's physical and social identity. Respect for "private life" must also comprise to a certain degree the right to establish relationships with other human beings (see, mutatis mutandis, Niemietz v. Germany, judgment of 16 December 1992, Series A no. 251-B, pp.33-34, §29).

There appears, furthermore, to be no reason of principle why the notion of "private life" should be taken to exclude the determination of the legal relationship between a child born out of wedlock and her natural father.

54. The Court has held that respect for private life requires that everyone should be able to establish details of their identity as individual human beings and that an individual's entitlement to such information is of importance because of its formative implications for his or her personality (see Gaskin v. The United Kingdom, judgment of 7 July 1989, Series A no. 160, p. 16 §39)

55. In the instant case the applicant is a child born out of wedlock who is seeking, by means of judicial proceedings, to

establish who her natural father is. The paternity proceedings which she has instituted are intended to determine her legal relationship with H.P. through the establishment of the biological truth. Consequently, there is a direct link between the establishment of paternity and the applicant’s private life.”

Bl-istess mod, fil-każ odjern, l-attriċi qed titlob li tkun determinata l-paternita` tagħha billi tirrikorri għaċ-ċertezza xjentifika. Ċertament li l-kwistjoni tal-paternita` tal-attriċi hija intrinsikament marbuta mal-ħajja privata tagħha, u dan iwassal sabiex it-talba tagħha taqa’ sewwasew fl-ambitu tad-dritt fundamentali tal-ħajja privata kif sanċit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi għaldaqstant jirriżulta illi l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut ma ssib ebda sostenn fil-liġi Maltija u inoltre tmur kontra l-ġjurisprudenza kopjuża tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi ma ħbiet ebda informazzjoni lill-Qorti, u li fi kwalunkwe każ it-talba tagħha li jsiru t-testijiet ġenetiċi taħt l-osservazzjoni tal-Qorti, minkejja li diġa saru privatament, huwa dritt tagħha sanċit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem. Illi għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut relattiva għan-nullita`tar-rikors ġuramentat promotur qiegħda tiġi miċħuda.

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut C D, u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż ta’ din is-sentenza preliminari kontra l-konvenut C D.